MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 77/2010

**A B f'isimha u in rapprezentanza ta' uliedha minuri**

**C B u D B**

**vs**

**E B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li permezz tieghu ippremettiet u talbet kif gej:-

1. “Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fit-28 ta' Jannar tas-sena 2000 u minn din l-ghaqda twieldu zewgt (2) it-tfal, u cioe' C B u D B li ghandhom disa' snin u hames snin rispettivament; u

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti m'ghandhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-intimat konvenut senjatament minhabba theddid, eccessi, sevizzi u ingurji gravid a parti ta' l-intimat fil-konfront ta' l-esponenti, u in subsidum, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

3. Illi l-esponenti ottjeniet id-debita awtorizazzjoni ta' l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit·28 ta' Jannar 2010 biex tkun tista' tipprocedi b'din l-istess istanza; u

4. Illi tentattivi biex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn u ghalhekk kellhom jigu intavolati l-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut intimat, u tawtorizza lill-attrici rikorrenti tghix separatament mill-konvenut intimat;

2. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici rikorrenti, u tiffissa l-granet u l-hinijiet li fihom il-konvenut intimat ghandu jinghata access fil-konfront tal-minuri;

3. Tordna u tikkundanna lill-konvenut intimat jivversa manteniment ghall-attrici rikorrenti ghaliha u ghall-minuri, skond il-mezzi tal-konvenut intimat, liema manteniment ghandu jigi likwidat u iffissat minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tapplika kontra I-konvenut intimat, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' I-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet ghandhom jigu assenjati wahda lill-esponenti u l-ohra lill-konvenut intimat, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku jekk ikun il-kaz biex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tordna lill-konvenut intimat biex jivvaka mid-dar matrimonjali, 9, Flacon Flats, Flat 2, St. Francis Street, Paola;

8. Tikkundana lill-konvenut intimat jikkonsenja lill-esponenti l-beni parafernali taghha u tordna illi l-esponenti ghandha tinghata l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

9. Tawtorizza lill-attrici rikorrenti tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li qed jigi minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-konvenut E B li taqra bil-mod segwenti:-

1. "Illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici, il-konvenut jaqbel illi hemm lok sabiex din 1-Onorabbli Qorti tippranunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti partijiet u konsegwentement tordna li jghixu separatament minn xulxin, izda din il-firda sehhet mhux ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif inghad mill-attrici fir-rikors guramentat mertu ghal din ir-risposta, izda ghal ragunijiet ohra, senjatament minhabba eccessi, mohqrija, theddid vjolenza fizika u psikologika u ngurji gravi fil-konfront tal-konvenut da parti tal-attrici;

2. Illi in kwantu ghat-tieni talba attrici, il-konvenut ma jaqbilx li l-kura u l-kustodja tal-minuri Daigon u D B ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici, u dan stante li 1-omm mhux kapaci tiehu hsieb dawn il-minuri peress illi ssofri minn mard mentali li jista' jippregudika l-ahjar interess tal-istess minuri bil-kbir, u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza odjerna. Il-minuri msemmija diga' ilhom jghixu mal-konvenut ghal dawn l-ahhar sena u erba' xhur, u dan stante li l-attrici allontanat ruhha mid-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida fil-ligi. Fil-fatt din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' Digriet Numru 805/09 moghti fit-22 ta' Mejju 2009, kienet ordnat li pendente lite l-minuri jibqghu jghixu ma' missierhom b'access fil-weekend ghaz-zewg minuri favur l-attrici. Sallum il-gurnata kienu rari l-okkazzjonijiet fejn l-attrici ipprevalixxiet ruhha minn dan l-access stante li kwazi dejjem irrifjutat li zzomm maghha z-zewg minuri f'daqqa ghax tghid li ma tiflahx ghalihom. Dan kif ser jirrizulta minn diversi rapporti tal-Pulizija maghmula mill-konvenut u li ser jigu debitament ezebiti f'din il-

kawza. Il-konvenut urnilment jirrileva li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi regolata minn din l-Onorabbli Qorti tenendo kont 1-aqwa nteress u x-xewqat tal-istess tfal minuri;

3. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, il-konvenut ma jaqbilx li ghandu b'xi mod jivversa xi forma ta' manteniment ghall-attrici stante li llum il-gurnata din ghandha mpjieg fiss. In kwantu ghall-rnanteniment favur il-minuri, il-konvenut umilment jirrileva li galadarba l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tinsab fdata lilu, huwa mghandux ghalfejn jivversa l-ebda manteniment ghall-minuri ghax fil-fatt diga' qed jaghmel hekk indirettament. Ghalhekk ghandha tkun l-attrici li ghandha tkun ordnata tibda tivversa l-manteniment ghall-minuri, kif fil-fatt ser jigi debitamnent mitlub fil-kontro-talba mertu ghal din il-vertenza;

4. Illi fir-rigward tar-raba' talba attrici, din it-talba ghanda tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante li l-istess konvenut m'ghamel xejn sabiex hu jitlef il-jeddijiet spettanti lilu skont il-ligi, u semmai d-disposizzjonijiet tal-artikolu citat mill-attrici ghandu jigi applikat fil-konfront taghha stess;

5. Illi in kwantu ghall-hames talba attrici, il-konvenut jaqbel illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u sussegwentement tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu divizi f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi. Izda in vista tal-fatt l-istess minuri issa integraw sew gewwa d-dar matrirnonjali tal-partijiet sitwita gewwa Rahal Gdid, il-konvenut ihoss illi huwa u l-minuri ghandhom jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali sakemm l-istess minuri jottjenu l-eta' ta' tmintax-il sena, u ghandu jkun wara dan iz-zmien li d-dar matrominjali tinbiegh u r-rikavat taghha jigi diviz bejn iz-zewg partijiet l'ishma li din l-Onorabbli Qorti tiffissa ghal kull parti. Jigi umilment rilevat illi l-minuri odjerni jattendu l-iskola primarja gewwa Rahal Gdid, il-muzew gewwa l-Fgura u l-privat gewwa Hal Tarxien, u ghalhekk ikun ta' detriment kbir ghalihom jekk dawn ibidlu r-residenza taghhom f'dan iz-zmien tat-trobbija tant krucjali ghalihom;

6. Illi in kwantu ghas-sitt talba attrici, il-konvenut jaqbel ma kwalunkwe nomina ta' Nutar sabiex jippublika l-att ta' divizjoni jekk ikun il-kaz, izda ma jaqbilx mal-hatra ta' kuraturi stante li huwa ser ikun parli f'din il-kawza;

7. Illi in kwantu ghas-seba' talba attrici, din ghanda tigi michuda bl-ispejjez kontra 1-attrici stante li ghandha tkun l-attrici li ligi ordnata tivvaka mid-dar matrimonjali ghar-ragunijiet serji u ovvji li ser jigu pruvati f'din il-kawza. Illi talba simili mill-attrici diga' kienet giet michuda minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet Numru 486/08 datat 20 ta' Marzu 2008, liema digriet jinsab fl-atti tal-Ittra ta' Madjazzjoni Numru 1013/07;

8. Illi in kwantu ghat-tmien talba attrici, il-konvenut jikkonferma illi l-oggetti parafernali tal-attrici huma fil-pussess taghha u konsegwentement din it-talba saret inutilment. Hekk ukoll jinghad ghar-rigward tal-fatt illi l-attrici tinghata l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha peress illi dawn kienu dejjem fil-pjena arnministrazzjoni taghha."

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ippremetta u talab kif gej:-

1. "Illi l-kontendenti partijiet izzewgu nhar it-28 ta' Jannar 2010, u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal bl-isem ta' Daigon B li ghandu ghaxar (10) snin, u Kieran B li ghandu seba' (7) snin;

2. Illi l-attrici rendiet ruhha hatja ta' vjolenza fizika u psikologika, eccessi u ingurji gravi, sevizzi, mohqrija, theddid, abbandun tad-dar matrimonjali u ngurji gravi fil-konfront tal-esponenti, b'mod illi llum il-gurnata bejn il-kontendenti tirrizulta inkompatibilita' ta' karattru tant li l-istess zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli;

3. Illi l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhha mir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici rikonvenzjonata sabiex jipprezenta l-kontro-talba tieghu;

4. Illi l-konvenut jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess. il-konvenut umilment jitlob bir-rispett lil din 1-Onorabbli Qorti, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun, joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti partijiet ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici rikonvenzjonata u dan minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid, vjolenza fizika u psikologika minhabba mard rnentali, abbandun tad-dar matrimonjali u ngurji gravi kommessi mill-attrici rikonvenzjonata kontra l-esponenti, u dan kif ser jigi pruvat fil-mori ta' din il-kawza;

2. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata thallas ghall-minuri dik ir-retta alimentarja li Ligi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, liema retta alimentarja ghanda tizdied minn zmien ghal zrnien skont ir-rata ta' inflazzjoni u li tali somma tinqata direttament mill-paga tal-attrici rikonvenzjonata u tghaddi direttament fil-kont bankarju tal-esponenti;

3. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Daigon B u Kieran B unikament lill-esponenti konvenut u in oltre tordna li l-istess tfal minuri jibqghu jirrisjedu mal-esponenti konvenut u

tiffissa granet u hinijiet ta' access lill-attrici rikonvenzjonata skont ix-xewqat u fl-ahjar interess tal-istess tfal minuri, kif fil-fatt din l-Onorabbli Qorti diga' ghamlet permezz ta' Digriet Numru 805/09 moghti fit-22 ta' Mejju 2009, fejn ordnat li pendent lite l-rninuri jibqghu jghixu mal-konvenut b'access favur l-attrici rikonvenzjonata. Sallum il-gurnata kienu rari l-okkazzjonijiet fejn l-attrici rikonvenzjonata ipprevalixxiet ruhha minn dan l-access stante li kwazi dejjem irrifjutat li zzomm maghha iz-zewg minuri f'daqqa ghax tghid li ma tiflahx ghalihom. Dan kif ser jirrizulta minn diversi rapporti tal-Pulizija maghmula mill-konvenut u li ser jigu debitament ezebiti f'din il-kawza, il-konvenut umilment jirrileva li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi regolata minn din l-Onorabbli Qorti tenendo kont l-aqwa nteress u xewqat tal-istess tfal rninuri;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u sussegwentement tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu divizi f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi. Izda, in vista tal-fatt li l-istess minuri issa integraw sew gewwa d-dar matrimonjali tal-partijiet sitwita gewwa Rahal Gdid, il-konvenut umilment jitlob illi huwa u l-minuri biss ghandhom jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali sakemm l-istess minuri jottjenu l-eta' ta' tmintax-il (18) sena, u ghandu jkun wara dan iz-zmien li d-dar matrominjali tinbiegh u r-rikavat taghha jigi diviz bejn iz-zewg partijiet f'ishma li din l-Onorabbli Qorti tiffissa ghal kull parti. Jigi umilment rilevat illi l-minuri odjerni jattendu l-iskola primarja gewwa Rahal Gdid, il-muzew gewwa l-Fgura u l-privat gewwa Hal Tarxien, u ghalhekk ikun ta' detriment kbir ghalihom jekk dawn ibidlu r-residenza taghhom f'dan iz-zmien tat-trobbija tant krucjali ghalihom;

5. Illi meta tordna l-bejgh tad-dar matrimonjali, tiehu in konsiderazzjoni l-ammont ta' flus li l-esponenti konvenut ser ikun hallas f'pagamenti fuq is-self gravanti l-istess dar matrimonjali lill-Bank of Valletta, mid-data ta' meta l-attrici rikonvenzjonata allontanat ruhha mid-dar matrimonjali fl-4- ta' Jannar 2009, u sussegwentement tordna li dan l-ammont m’ghandux jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwsiti u ghandu jghaddi fl-intier tieghu ghand l-istess esponenti konvenut;

6. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata interament jew in parti, id-disposizzonijict tal-artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan skont kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

7. Tikkundanna lill-attici rikonvenzjonata sabiex tikkonsenja lill-konvenut l-beni kollha parafernali tieghu u separatarnent tordna illi l-konvenut jigi moghti lilu l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem il-Medjatrici kontra l-attrici rikonvenzjonata, li minn issa hija ingunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut:-

1. Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant, 1-attrici rikonvenuta taqbel li hemm lok biex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti partijiet u konsegwentement tordna li jghixu separatament minn xulxin izda r-resonsabbilita' tas-separazzjoni kif diga' indikat fir-rikors guramentat promutur ta' l-esponenti u fin-nota guramentata li tinsab fl-atti ta' din il-kawza ta' l-istess esponenti ghandha tigi dikjarata li l-firda sehhet responsabbilita' tal-konvenut stante li s-separazzjoni sehhet senjatament minhabba theddid, vjolenza fizika u morali, kif ukoll eccessi, sevizzi u ingurji da parti tal-konvenut rikonvenzjonant. Illi tali abbandun tad-dar matrimonjali mill-attrici rikonvenuta sehh, mhux minhabba adulterju kif qed jipprova jinsinwa l-konvenut rikonvenzjonant, izda minhabba vjolenza fizika u psikologika, liema vjolenza giet kommessa mill-konvenut rikonvenzjonant, liema vjolenza kienet il-kawza tal-problemi psikjatrici li kienet qed issofri minnhom l-attrici rikonvenuta u dan kif ser jigi pjenament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonant, galadarba l-attrici rikonvenuta fir-rikors guramentant promutur taghha qeghda titlob li din l-Onorabbli Qorti jghogobha tafda 1-kura u l-kustodja tal-minuri lilha, m'ghandiex thallas ghall-minuri manteniment, ghax tkun qed taghmel dan la darba t-tfal minuri jmorru jghixu maghha. Illi l-attrici rikonvenuta lanqas ma hi f'pozizzjoni biex thallas manteniment stante li qeghda tghix b'ghajnuna socjali u qed tircievi ghajnuna finanzjarja estensiva minghand il-genituri taghha u li din l-ghajnuna tal-genituri kienet qed tirceviha ukoll meta kienet ghadha qed tghix fid-dar matrimonjali mar-ragel stante li kien ihalliha perennement fil-bzonn;

3. Illi fir-rigward tat-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant, l-attrici rikonvenuta ma taqbilx li l-kura u kustodja tal-minuri Daigon u D B ghanda tigi fdata lill-konvenut rikonvenzjonant, u kif gia indikat fir-rikors guramentat promutur taghha, l-istess kura u kustodja ghandha tigi fdata f'idejn l-esponenti u l-Qorti ghandha tiffissa l-granet u l-hinijiet li fihom il-konvenut rikonvenzjonant ghandu jinghata access fil-konfront tal-minuri. Illi huwa minnu li s-sitwazzjoni attwali hija li l-minuri qed jghixu flimkien mal-konvenut rikonvenzjonant izda l-esponenti, bi provi li se jigu migjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza temmen li jezistu ragunijiet ghalfejn din il-pozizzjoni ghandha tinbidel;

4. Illi fir-rigward tar-raba' talba tal-konvenut rikonvenzjonant, 1-esponenti taqbel li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u sussegwentement tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu divizi f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, u dan kif indikat fl-istess rikors guramentat promutur ta' l-esponenti, u kif indikat fin-nota guramentata gia parti fl-atti ta' din il-kawza, il-kommunjoni ta' 1-akkwisti hija formanti biss mill-fond Flacon Flats, Flat 2, Triq San Frangisk, Rahal gdid u l-mobbli kollha, u ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tordna li l-konvenut rikonvenzjonant jivvaka mid-dar matrimonjali biex b'hekk tkun tista' tigi mibjugha d-dar matrimonjali, u ghalhekk ma tabilx li l-konvenut rikonvenzjonant ghandu jibqa' jghix fid-dar matrimonjali sakemm l-istess minuri jottjenu l-eta' ta' tmintax-il sena u dan peress li l-attrici rikonvenuta qeghda titlob li din l-Onorabbli Qorti takkorda l-kura u kustodja ta' l-istess minuri fidejha u ghaldaqstant il-minuri ghandhom jmorru jghixu maghha;

5. Illi fir-rigward tal-hames talba tal-konvenut rikonvenzjonant, 1-attrici rikonvenuta ma taqbilx illi meta jigi ordnat il-bejgh tad-dar matrimonjali li l-ammont ta' flus li l-konvenut ser ikun hallas f’pagamenti fuq is-self gravanti l-istess dar matrimonjali lill-Bank of Valletta m'ghandux jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti izda, ghandu jifforma bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u ghaldaqstant nofs dan l-ammont ghandu jghaddi ghand il-konvenut rikonvenzjonant. Illi l-attrici rikonvenuta tirrileva wkoll li hija allontanat ruhha mid-dar matrimonjali minhabba ingurji gravi, sevizzi, vjolenza fisika u psikologika, theddid u eccessi b'mod sistematiku u regolari da parti tal-konvenut rikonvenzjonant u dan kif se jigi pruvat waqt is-smiegh ta' din il-kawza;

6. Illi fir-rigward tas-sitt talba tal-konvenut rikonvenzjonant, kif diga' indikat fir-rikors gurarnentat prornutur ta' l-attrici rikonvenuta, din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut rikonvenzjonant stante li l-istess attrici kienet hi l-vittma ta' tali separazzjoni u rn'gharnlet xejn biex hi titlef id-drittijiet u 1-jeddijiet spettanti lilha skond il-Ligi u ghaldaqstant id-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom japplikaw fil-konfront tal-konvenut rikonvenzjonant;

7. Illi fir-rigward tas-seba' talba tal-konvenut rikonvenzjonant, 1-attrici rikonvenuta tikkonferrna illi l-oggetti parafernali tal-konvenut rikonvenzjonant hurna fil-pussess tieghu u ghalhekk din it-talba saret b'rnod inutili, izda skond kif indikat fir-rikors guramentat prornutur ta' l-esponenti din il-Qorti ghandha tikkundanna lill-konvenut intirnat jikkonsenja lill-esponenti l-beni parafernali taghha u tordna li l-esponenti ghandha tinghata 1-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenzjonant li qed jigi minn issa ingunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

In materja ta’ separazzjoni personali l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi "perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale" - "**Elisa Thompson v. Edward Thompson**", Prim’ Awla, 12 ta' Mejju 1925. Gie wkoll ritenut illi sabiex tissussisti l-akkuza ta’ mohqrija jehtieg li tali akkuza ma tkunx ibbazata fuq kaz izolat – “**Marthese Vella v. George Vella**”, Prima’ Awla, 8 Frar 2003. Jekk pero’ is-sitwazzjoni bejn koppja mizzewga tkun tant iddegenerat illi tirrendi l-konvivenza insopportabbli, tali sitwazzjoni tiggustifika t-talba ghas-separazzjoni personali - “certi fatti, kliem u mod ta’ azzjoni jew attegjament li jistghu jirrendu l-hajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-duttrini bhala sevizji” - “**Maria Mifsud v. Vincenzo Mifsud**,”, Prim’ Awla, 30 ta’ Gunju 1961.

L-attrici tallega li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut u takkuzah li huwa hati ta’ “theddid, eccessi, sevizzi u ingurji gravi” fil-konfront taghha. Il-konvenut jilqa’ ghal tali akkuzi billi jichadhom u jimputa l-htija ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet fuq l-attrici rikonvenzjonata minhabba “vjolenza fizika u psikologika, eccessi u ingurji gravi, sevizzi, mohqrija, theddid, abbandun tad-dar matrimonjali u ngurji gravi” fil-konront tal-konvenut rikonvenzjonanti.

Mill-provi prodotti temergi stampa ta' dizgwid u konflitti kontinwi bejn il-konjugi fuq medda ta' zmien. Fin-nota guramentata taghha l-attrici hija aktar specifika rigward l-allegazzjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenut.[1] Tallega li huwa uza "vjolenza fizika u morali" kontra taghha. Fl-affidavit taghha[2] l-attrici tghid li l-ewwel darba li l-konvenut refa' jdejh fuqha kienet tqila bl-ewwel wild taghhom. Xhedet illi kien hemm diversi episodji fejn kien vjolenti maghha. Ezebiet diversi certifikati medici rilaxxjati mit-tobba tal-Poliklinika tar-Rahal Gdid fejn gew certifikati griehi fuq il-persuna taghha. Ghal xi raguni pero' l-ebda wiehed mit-tobba li allegatament iffirma dawn ic-certifikati ma tressaq sabiex jixhed f'dawn il-proceduri.

Is-**Surpretendent Sharon Tanti** xehdet u ipprezentat kopja ta' tmienja u ghoxrin rapport li saru fl-ghases tal-Pulizija mill-partijiet.[3] Minn dawn ir-rapporti, ghalkemm wahedhom m'humiex sufficjenti sabiex ikun stabbilit il-veracita' o meno ta' dak hemm rappurtat, temergi stampa ta' hajja matrimonjali mill-aktar tumultuza fejn il-hajja matrimonjali kienet prattikament inezistenti b'akkuzi u rapporti reciproci kontinwi fuq medda ta' zmien. Giet ezebita sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Novembru 2010 fejn l-attrici giet misjuba hatja illi kkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-minuri Daigen hekk kif certifikati minn Dr Marie Ciantar M.D. mic-Centru tas-Sahha tar-Rahal Gdid.

Xehdet **Catriona Spiteri**, haddiema socjali mal-Agenzija Appogg dwar numru ta' rapporti li saru mal-istess Agenzija li waslu eventwalment li tinhareg Ordni ghall-Harsien dwar iz-zewg ulied tal-partijiet.[4] Fost ir-rapporti li saru kien hemm dak tal-attrici li allegat li l-konvenut kien abbuza sesswalment mill-minuri Daigen. L-Agenzija investigat din l-allegazzjoni u anke intervistat lill-minuri. L-Agenzija ikkonkludiet li l-allegazzjoni ma kenitx fondata u ma ttiehdux aktar passi.

L-attrici diversi drabi giet rikoverata fl-Isptar Monte Carmeli minhabba l-kondizzjoni li minnha tbati.

Irrizulta wkoll li l-minuri Daigen ibati mid-diabete u jircevi l-kura appozita ghaliha. Matul is-snin sehhew incidenti bejn il-konjugi anke fir-rigward ta' din il-kondizzjoni. Jirrizulta illi f'certu zmien l-attrici bdiet issostni illi l-minuri kien fieq minn din il-kondizzjoni u li ghalhekk

[1] Fol. 16
[2] Fol. 38
[3] Fol. 293 - 383
[4] Fol. 288

ma kellux bzonn il-kura preskritta mit-tobba. Episodju li seta' kellu konsegwenzi koroh hafna ghall-minuri kien meta t-tifel kellu appuntament ghand Dr John Torpiano, il-konsulent pedjatriku kuranti tal-minuri, fejn meta l-konvenut mar ghand l-attrici sabiex jigbor lit-tifel halli jiehdu ghall-appuntament, l-attrici qaltlu li l-minuri ma kienx id-dar. Il-konvenut m'accettax dak li qaltlu martu u ghalhekk beda jdur id-dar ifittxu u fl-ahhar sabu maqful fil-kamra tal-bejt. Sussegwentement il-konvenut ha lill-minuri ghall-vizita medika disghin minuta tard. F'dik l-okkazzjoni l-minuri Daigen qal lit-tabib illi dakinhar huwa kien qieghed jilghab bir-rota fuq il-bejt u xi hadd sakkru hemmhekk. Dr Torpiano kien koncernat hafna bis-sitwazzjoni li kien jinstab fiha l-minuri tant li xtaq li jsir assessement tal-familja sabiex jigi ezaminat jekk il-familja setghatx verament tassigura li l-minuri jircevi l-kura li kellu bzonn.

Is-sitwazzjoni degeneranti fil-familja B waslu lill-awtoAjiet kompetenti sabiex tinzamm 'case conference' u jinhareg Ordni ghall-Harsien sabiex il-minuri jigu protettii ghalkemm din giet eventwalment revokata ftit zmien wara.

Mill-kumpless tal-provi huwa evidenti illi l-attrici tbati minn kondizzjoni li tehtigilha kura ta' natura psikjatrika. Ir-rikoveru taghha gewwa l-Isptar Monte Karmeli ghall-diversi drabi huwa xhieda ta' dan. Sfortunament hadd mill-partijiet ma ressaq bhala xhieda it-tobba li jikkurawha u ghalhekk il-Qorti ma hiex f'posizzjoni li tippronunzja ruhha oltre fir-rigward. Huwa fatt cert pero' li tali kondizzjoni kellha effetti devastanti fuq ir-relazzjoni ta' bejn il-konjugi kif ukoll fuq ir-relazzjoni bejn l-omm u uliedha.

Jidher illi l-attrici mhux dejjem hadet il-kura li kellha bzonn b'dan illi l-kondizzjoni taghha kienet tiddegenera b'tali mod li tirrendi l-hajja ta' komunjoni bejni il-koppja impossibbli.

L-attrici tallega li kien hemm okkazzjonijiet fejn il-konvenut kien vjolenti maghha anke fizikament. Il-konvenut jichad tali allegazzjonijiet fil-konfront tieghu u jghid illi kemm-il darba l-attrici ghamlet rapporti foloz fl-Ghassa tal-Pulizija kontra tieghu.

Ezaminati l-provi fil-kumplessita taghhom il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi fuq bazi ta' probabilita' kien hemm okkazzjonijiet fejn il-konvenut kien vjolenti mal-attrici. Huwa minnu li l-akkuzi serjissimi li l-attrici kienet taghmel fil-konfront tal-konvenut qatt ma gew ippruvati u allura immankabilment kienu jnisslu fil-konvenut rabja kbira, pero' dan qatt ma jista' jiggustifika li wiehed jirrikorri ghall-atti ta' vjolenza li huma dejjem kundannabbli.

Ir-rifjut da parti tal-attrici li taghti l-kura mehtiega lill-minuri ghaliex kienet issostni, kontra l-parir tat-tobba, li kura ma kellux bzonn, ikkontribwixxa wkoll ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Dwar il-pretesa tal-konvenut li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali, il-Qorti hija tal-fehma illi ma jirrizultawx l-estremi sabiex l-attrici rikonvenzjonata tigi misjuba hatja ta' abbandun. Ghall-kuntrarju il-Qorti hi tal-fehma illi r-relazzjoni ta' bejn il-konjugi kienet tant iddegenerat illi kien fl-interess taz-zewg partijiet u b'mod partikolari fl-interess taz-zewgt itfal minuri li l-konjugi ma jibqghux jghixu taht l-istess saqaf. Fil-kors tal-kawza il-Qorti kienet iddekretat illi kien il-missier flimkien maz-zewg ulied minuri li kellu *pendente lite* jibqa' jghix fid-dar matrimonjali flimkien maz-zewg minuri.

Dwar dan l-aspett tal-vertenza il-Qorti hi tal-fehma illi ghat-tkissir taz-zwieg jahtu iz-zewg partijiet. Min-naha tal-attrici in-nuqqas taghha li tiehu l-kura medika kull meta kellha bzonn irrenda l-komportament taghha insopportabbli; ammonta ghall-eccessi fil-konfront tal-konvenut rikonvenzjonant u kkontribwixxa ghat-tkissir taz-zwieg. Mill-banda l-ohra l-agir tal-konvenut, diversi drabi anke vjolenti, fil-konfront tal-attrici jammonta ghal sevizzi.

Ghaldaqstant qed tikkonkludi illi z-zewg partijiet jahtu ghat-tkissir taz-zwiieg taghhom.

**Kura, Kustodja u Access tal-Minuri**.

Il-minuri ilhom issa ghal numru ta' snin jirrisjedu mal-missier. Fic-cirkostanzi prezenti ma hux fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tkun kongunta ghaliex immankabilment jinholqu disgwid u litigji ohra bejn il-partijiet. Il-provi mressqa juru li l-partijiet ma jitilfux okkazzjoni sabiex jikwistinjaw. Ma tezistiex il-klima necessarja sabiex il-kura u kustodja tkun kongunta. Tenut kont li ma hux fl-interess tal-minuri illi l-kura u kustodja taz-zewg minuri tkun kongunta bejn il-partijiet, u tenut kont li l-minuri ilhom is-snin jghixu mal-missier, il-Qorti qed tafda l-kura u kustodja taz-zewg minuri f'idejn il-missier b'access favur l-omm.

Proprju b'nota tal-14 ta' April 2015 l-Agenzija Appogg irrakkomandat illi l-access supervizzjonat da parti tal-omm li kien gie orndat pendente lite ghandu jitkompla fl-interess taz-zewg minuri.

Fil-prezent l-access qed jigi ezercitat nhar ta' Erbgha bejn il-5.00 p.m. u s-6.00 p.m. Fil-fehma tal-Qorti huwa fl-interess tal-minuri li l-access jizdied kif gej ghalkemm ghandu jibqa' supervizzjonat mill-Agenzija Appogg :-

Nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha bejn il-5.00 p.m. u s-6.30 p.m. u alternattivament darba s-Sibt u darba l-Hadd bejn l-10.00 a.m. u nofsinhar.

**Manteniment**.

Fir-rikors guramentat taghha l-attrici talbet manteniment sew ghaliha kif ukoll ghall-minuri. Fil-kontro-talba l-konvenut qed jitlob illi wara li jinghata l-kura u kustodja tal-minri l-attrici rikonvenzjonata ghandha tigi kkundannata thallas manteniment ghaz-zewg minuri.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet tahdem f'dar tal-anzjanti. Skond certifikat rilaxxjat minn Casa Serena Home, l-attrici kienet attendiet kors (carer's course) sabiex tkun tista' taghmel dak it-tip ta' xoghol.

Fix-xhieda taghha moghtija quddiem l-assistant gudizzjarju fis-26 ta' April 2012 l-attrici xehdet hekk: "Nghid li kont qeghda nahdem u issa waqaft." Ma taghti l-ebda spjegazzjoni ghaliex waqfet u ma tresqu l-ebda provi fir-rigward.

In tema legali issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 2015 fl-ismijiet "**Saadia Vella El Bazza vs George Vella**", u ghall-gurisprudenza hemm citata : "…..tassew li llum li l-pozizzjoni legali tal-mara llum tbidlet fis-sens li l-mara bhala konjugi ghandha l-obbligu li tahdem barra mid-dar, jekk possibbli, fejn mehtieg u li hi wkoll ghandha tikkontribwixxi ghall-htigijiet tal-familja. Kif osservat fil-kaz PA **Marthese Vella v. John Vella**, deciz fit-28 ta' Frar 2003:

"Il-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din m'ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu: it-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabbiltajiet fuq il-mara mizzewwga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn i-

responsabbiltjiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment li jfisser li hi wkoll trid terfa' bhal zewgha r-responsabbilita` ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja [ara App.S **Doris Tabone vs Carmelo Tabone**, 15 Dicembru 1997]"

Fil-kawza **Catherine Mifsud v. Louis Mifsud,** deciza mll-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013:

Intqal ukoll illi "L-manteniment mhux xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn. L-Artikolu 20[1] jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta' min jitolbu."

F'decizzjoni ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 fl-ismijiet **Maria Abdilla v. Peter Abdilla**, gie osservat illi -

"... li meta ssehh is-separazzjoni personali bejn il-mizzewwgin, kemm jekk legali wkoll jekk konsenswali, jinbidel l-ordni tal-affarijiet bejniethom fis-sens li jispicca l-obbligu tal-koabitazzjoni, u, ghalkemm jibqa' mhux mittiefes l-obbligu tal-assistenza reciproka fejn dan ikun mehtieg, jekk fil-kaz bhal dak odjern, il-mara fiz-zwieg ma kienitx tiggenera introjtu, wara s-separazzjoni hija ghandha l-obbligu li tuza l-hila u l-potenzjal lavorattiv taghha sabiex tiggenera ntrojtu ghal ghejxien taghha..... Jekk imbaghad minhabba cirkostanzi li ma jkunux fil-kontroll tal-konjugi, bhal fil-kaz ta' mard, dan ma jkunx fil-pozizzjoni li jiggenera introjtu adegwat ghall-manteniment tieghu nnifsu allura, sakemm ma tkunx giet pronunzjata kontra tieghu d-dekadenza mid-dritt li jircievi manteniment, il-konjugi l-iehor li jkollu mezzi adegwati ghandu l-obbligu li jkompli jmantni lil dak il-konjugi, u f'dan il-kaz japplikaw il-kriterji kontemplati fl-Artikolu 20 tal-Kodici Civili, u cioe` li manteniment li jinghata ghandu jitqies skont il-bzonn u l-hila lavorattiva ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min hu obbligat li jissoministrah…….l-attrici m'ghandhiex tibqa' tiddependi mill-manteniment ta' zewgha ghal dejjem, tenut kont kemm tal-eta` taghha kif ukoll tal-fatt li ma jirrizultax li hi tbati minn xi kundizzjoni medika li timpediha milli tahdem u tiggenera introjtu."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in dizamina il-Qorti hi tal-fehma illi filwaqt li jirrizulta li l-attrici tbati minn perijodi ta' dipressjoni, jekk l-attrici tibqa' tiehu l-kura lilha preskritta ghandha timxi lejn il-fejqan. F'dan is-sens huwa c-certifikat mediku rilaxxjat mill-Isptar Monte Carmeli u li jinsab a fol. 464 tal-process. Naturalment il-kapacita' lavorativa tal-attrici tibqa' wahda limitata.

Fic-cirkostanzi prezenti l-Qorti hi tal-fehma illi m'ghandiex tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-attrici stante li ghandu l-piz tat-trobbija ta' zewg minuri filwaqt li l-konvenuta ghandha kapacita' lavorativa.

Peress illi ma ngabux provi jekk illum il-gurnata l-attrici ghandiex impieg il-Qorti qed tikkunsidra li l-attrici qeghda tghix bl-assistenza socjali.

Dwar it-talba tal-konvenut sabiex il-Qorti tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut manteniment ghaz-zewg minuri, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Huwa minnu li kif issottometta l-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li l-gurisprudenza l-aktar recenti titfa' anke fuq il-genitur li m'ghandux impieg l-oneru li jikkontriibwixxi ghall-manteniment ghall-ulied fil-qies skond ic-cirkostanzi partikolari. Pero', tenut kont li l-ghajnuna socjali hija normalment il-minimu li wiehed jirrrikjedi sabiex jigi mantnut u tenut kont li d-dar matrimonjali ser tinbiegh u kull parti tiehu sehemha, l-Qorti ser tipprovdi kif gej.

Tenut kont li z-zewg minuri llum ghandhom l-eta ta' erbatax-il sena u ghaxar snin rispettivament, u tenut kont illi kemm ilu li l-missier inghata l-kura u kustodja taz-zewg minuri mit-22 ta' Mejju 2009 l-attrici ma hallsitx lill-konvenut l-ebda manteniment ghall-minuri, huwa indikat fic-cirkostanzi li minflok ma l-attrici tigi kkundannat thallas l-arretrati ta' manteniment lill-konvenut u tkompli thallas manteniment mensili minn issa 'l quddiem, il-Qorti ser tordna li una volta tigi mibjugha d-dar matrimonjali, minn sehem l-attrici titnaqqas is-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) u tigi mghoddija lill-konvenut bhala l-kontribuzzjoni ghas-saldu tal-attrici ghall-manteniment taz-zewg minuri inkluz hlas ghas-saldu tal-arretrati tal-manteniment tal-ulied mit-22 ta' Mejju 2009 'il quddiem. Il-Qorti waslet ghal din is-somma wara li qieset il-htigijiet tal-minuri kif ukoll id-dhul u l-htigijiet tal-partijiet.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti hija d-dar matrimonjali u li din ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet wara li mis-somma globali jkunu tnaqqsu ammonti skont din is-sentenza. Il-Qorti ghalhekk qed tordna l-bejgh bl-irkant tad-dar matrimonjali.

**Kreditu Parafernali**.

L-attrici qed titlob li mill-komunjoni tippercepixxi s-somma ta' disat elef, tlett mija u ghoxrin ewro (€9,320) rapprezentanti somma ta' flus li kienet harget qabel iz-zwieg fl-interess taz-zewg partijiet. Ma jidhirx li din is-somma hija kontestata mill-konvenut ghaliex la saru domandi in kontro-ezami dwar din il-materja u lanqas hemm sottomissjonijiet fir-rigward fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut.

Il-konvenut min-naha tieghu ukoll ghandu pretensjoni ta' kreditu kontra l-komunjoni li huwa spjegat b'mod sommarju fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu:-

*"Fir-rigward tad-dar matrimonjali Flat 2, Falcon Flats, Triq San Frangisk, Rahal Gdid, il-fond inxtara fl-gherusija fit-18 ta' Settembru tas-sena 1998, permezz ta' Kuntratt ta' Akkwist in atti Nutar Dottor John Patrick Hayman.*

*Illi kien l-istess esponenti li permezz ta' zewg bank drafts ta' Lm 256.30 u ta' Lm560.30 rispettivament datati is-26 ta' Settembru tas-sena 1998 huwa hallas lill-istess Nutar Dottor John Patrick Hayman l-ammont ta' Lm 816.60 liema ammont huwa ekwivalenti ghal €1,902.169.*

*Illi in oltre l-istess esponenti dahal f'diversi spejjez relatati mal-emiloroment tal-istess fond proprju fiz-zmien tal-gherusija u cioe' f1-20 ta' Mejju tas-sena 1999 nefaq 1-ammont ta' Lm340 minghand Muscat Marble and Granite kif ukoll f1-14 ta' April tas-sena 1999 nefaq l-ammont ta' Lml10.01 minghand Kotin Decorations Limited, liema spejjez jammontaw ghal Lm450.01, ekwivalenti ghal €1,048."*

Fil-fehma tal-Qorti il-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet fir-rigward ta' krediti parafernali huma gustifikati.

Ghaldaqstant qed tordna illi mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali qabel id-divizzjoni tal-istess l-attrici tippercepixxi s-somma ta' €9,320.00 filwaqt li l-konvenut jippercepixxi s-somma ta' €2,950.00, ghas-saldu tal-krediti parafernali rispettivi.

Dwar it-talba tal-konvenut sabiex l-attrici tigi ordnata tirrifondilu nofs il-pagamenti maghmula lill-bank kemm ilhom separati de facto, tali talba qed tigi respinta stante li l-Qorti qed tikkonkludi li l-htija ghat-tkissir taz-zwieg u li mhijiex ser tikkommina kontra taghhom is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 et seq tal-Kap 16. Il-hlasijiet maghmula lill-bank mill-konvenut saru minn fondi tal-komunjoni u mhux minn fondi parafernali.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet taz-zewg partijiet bil-mod kif ser jigu akkolti jew respinti t-talbiet taz-zewg nahat, tiddisponi mit-talbiet attrici u mit-talbiet rikonvenzjonali bil-mod kif gej:--

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u tiddikjara illi z-zewg partijiet jahtu ghat-tkissir taz-zwieg taghhom.

2. Tordna li l-kura u kustodja taz-zewg minuri C u D tkun f'idejn il-missier, E B, b'dan illi l-attrici, A B, tezercita access supervizzjonat mill-Agenzija Appogg ghall-uliedha nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha bejn il-5.00 p.m. u s-6.30 p.m. u alternattivament darba s-Sibt u darba l-Hadd, bejn l-10.00 a.m. u nofsinhar, liema access ghandu jibqa' taht is-supervizzjoni tal-Agenzija Appogg ghal zmien tlett xhur millum b'dan illi l-Agenzija Appogg ghandha eventwalment tinforma lill-Qorti jekk is-supervizzjoni ghandhiex tigi sostitwita minn b'*monitoring*.

3. Tichad it-talba tal-attrici ghall-manteniment ghaliha. Tilqa' t-talba rikonvenzjonali sabiex l-attrici thallas lill-konvenut manteniment ghaz-zewg minuri. B'applikazzjoni tal-Artikolu 54 (4) tal-Kodici Civili tordna illi minn sehem l-attrici mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali ghandha tithallas lill-konvenut is-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) ghas-

saldu tal-obbligu tal-attrici fir-rigward tal-manteniment fl-interess tal-minuri inkluz tal-arretrati.

4. Tichad it-talba attrici u dik rikonvenzjonali sabiex il-Qorti tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti; tordna l-bejgh bl-irkant tal-fond numru disgha (9), Flacon Flats, Flat 2, St Francis Street, Paola, b'dan illi l-konvenut huwa ordnat li jizgombra mill-fond imsemmi fi zmien ghaxart ijiem qabel id-data tal-irkant. Mir-rikavat jithallsu lill-partijiet il-krediti parafernali stabbiliti taht l-intestatura 'Krediti Parafernali'. Il-bilanc jinqasam bejn il-partijiet.

6. Tilqa' d-disa' talba attrici.

Bl-ispjjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------